**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

***Minuti tal-Laqgħa Numru 32 tas-Sitt Kunsill Lokali li nżammet fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tlieta 18 ta' Ġunju 2013 fit- p.m.***

| ***Prezenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| **Sindku** | Mario Gauci |
| **Viċi Sindku** | Mark Azzopardi |
| **Kunsillieri** | Christopher Fenech |
| | Vincent A Galea |
| | Alfred Muscat |
| **Segretarju Eżekuttiv** | Louise-Anne Gusman |
| **Aġent Segretarju Eżekuttiv** | Kurt Guillaumier |

**32/01 Talba**

**32/01/01** Il-laqgħa bdiet fis-6.34 p.m. billi ntqalet it-talba.

**32/02 Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Nru 31**

**32/02/01** Ma kien hemm ebda korrezzjoni fil-minuti. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati u iffirmati l-minuti.

**32/03 Punti mtella' mill-minuti tal-Laqgħa Nru 31**

**32/03/01** **Para 31/03/01:** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li s-sejħa għall-offerti għall-bini ta' rampa fi Ġnien il-Paċi kienet ħarġet.

**32/03/02** **Para 31/03/04:** Is-Sindku nforma li s-Sur Ġiljan Aquilina mis-Sotto Kumitat taż-Żgħażagħ ntagħżel bil-polza mill-AKLM sabiex jattendi il-*Youth in Action Project* li ser isir fir-Repubblika Ċeka u l-Ġermanja.

**32/03/03** **Para 31/03/06:** Il-Kunsillier Alfred Muscat spjega li fl-opinjoni tiegħu l-garaxx suġġerit mill-applikant għall-kiri tat-Torri tas-Semaforu ma kienx tajjeb. Ġie unanimament approvat li l-affarijiet li preżentament hemm fil-garaxx ta' ħdejn it-Torri tas-Semaforu jittieħdu fis-*Searchlight Battery* ħalli b'hekk jkun jista' jiġi konkluz il-ftehim ta' kiri tat-Torri tas-Semaforu. Il-Kunsill għal darba oħra rreveda l-korrispondenza li għaddiet mad-Dipt. Tal-Artijiet dwar il-kiri tat-Torri tas-Semaforu.

**32/03/04** **Para 31/03/07:** Ġiet ippreżentata l-aħħar kopja *draft* tal-fuljett tal-Kunsill wara li kienu saru l-emendi neċessarji. Ġie unanimament approvat li l-fuljett jgħaddi għal *printing* u jitqassam mill-ħaddiema tal-Kunsill hekk kif ikun lest.

32/03/05 **Para 31/03/08**: Il-Viċi Sindku s-Sur Mark Azzopardi informa l-Kunsill li fl-attività' mużikali ta' Jum Ħal Għargħur il-parteċipanti tas-serata ser jkunu il-kantanti Jean Luca, Albertine, Cristabel, Klisman, Chiara u Albert Callus u żeffiena. Hu ta dettalji tal-ħlas mitlub minn dawn il-parteċipanti. Hu qal ukoll li ser jintramaw l-arbli fil-Pjazza għall-bandalori kif ukoll il-Kor Pax Christi kien ser jipparteċipa fil-Quddiesa. Rigward il-*PA System* il-Viċi Sindku nforma li din ser tinkera mingħand *Transient Ltd* jekk jiġi ikkonfermat li l-ħlas mitlub minnu ikun simili għal dak tas-sena l-oħra. Ser jinġieb ukoll *photographer* għal waqt l-attività'. Il-Kunsillier is-Sur Vincent A Galea ikkonferma li l-Kumitat tal-Football kien ser jarma l-*bar* waqt l-attività' mużikali. Dan kollu ġie unanimament approvat.

Ġew ippreżentati l-istimi tal-*film* li kienu inġiebu għall-attività' tat-tfal u ġie unanimament deċiż li tintgħażel dik tal-*Empire Cinema*.

Rigward l-attività' għaż-Żgħażagħ ser issir *boat party* lejn Kemmuna. Il-ħlas hu ta' €20 kull persuna. Dan kollhu ġie unanimament approvat.

32/03/06 **Para 31/03/09:** Il-Kunsill ġie infurmat li il-*case officer* tal-MEPA kien mar fuq il-post u wara ġie l-uffiċċju tal-Kunsill biex jimmarka eżatt fuq *site-plan* fejn hija l-art li fuqha qed isir l-izvilupp li mhux kopert bil-permess. Kopja ta' din is-*site plan* kienet intbagħatet lid-Dipt tal-Artijiet.

32/03/07 **Para 31/03/10:** Is-Sindku nforma lill-Kunsillieri li l-applikazzjoni għall-fondi taħt Miżura 125 kienet intbgħatet.

32/03/08 **Para 31/03/14:** Il-Kunsill irċieva l-listi tal-kandidati għas-sejħa tal-Iskrivan Skala 15 u għall-Uffiċċjal Eżekuttiv Skala 13 mill-ETC. Il-Kunsill unanimament approva l-lista ta' min ser jissejjaħ għall-*interview* filwaqt li qabel ukoll li l-*interviews* isiru l-Erbgħa 19 ta' Ġunju u jibdew fis-2.30 pm. Il-Bord tal-Għazla kemm għall-post tal-Iskrivan kif ukoll tal-Uffiċċjal Eżekuttiv ser ikun kompost mis-Sindku, l-Kunsillieri Christopher Fenech u Vincent A. Galea filwaqt li l-S.E. ser tkun is-Segretarja tal-Bord. Il-Viċi Sindku u l-Kunsillier Alfred Muscat ġew mistiedna sabiex jekk ikunu jridu jattendu. Il-Kunsill unanimament qabel ukoll li l-kandidat/a li jġib l-aktar marki fil-interview għandu immedjatament jingħata l-impjieg mal-Kunsill hekk kif nirċievu l-approvazzjoni tal-ETC.

32/03/09 **Para 31/03/15:** Is-Sindku qara l-ittra bid-data 13 ta' Ġunju 2013 tal-Ħatra tas-SE is-Sinj. Louise-Anne Gusman b'effett mit-18 ta' Ġunju 2013. Il-Kunsill unanimament approva li s-Sinj Gusman tkun firmatarju flimkien mas-Sindku u hija bdiet xogħol mal-Kunsill Lokali ta' Ħal-Għargħur dak in-nhar stess. Is-Sindku u l-Kunsillieri awguraw lis-S.E. s-Sinj Louise-Anne Gusman suċċess fil-ħidma tagħha.

32/03/10 **Para 31/05/05:** Il-Kunsillier is-Sur Alfred Muscat ser jieħu ħsieb li jeħel il-bank fi Triq 31 ta' Marzu.

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**32/03/11** **Para 31/06/04:** Is-Sindku qal li kien ġie ikkonfermat li l-applikazzjoni biex titwaħħal l-ATM fi Triq San Ġwann kienet qeda għand l-MEPA. Il-Kunsill innota n-numru ta' din l-applikazzjoni.

**32/03/12** **Para 31/06/09:** L-Aġent S.E. informa li l-ittra dwar il-pavimentar ta' parti minn Triq Mons L. Catania kienet inbagħtet.

**32/03/13** **Para 31/07/02:** Ġie ippreżentat ir-rapport dwar il-kisi bit-tarmak ta' 2 toroq taħt l-iskema ta' PPP. Dan ir-rapport kien ibbażat fuq l-ammont mitlub fit-*tenders*. Ġie unanimament deċiż li issir biss Triq Fra D Mifsud fejn għandu jinbidel l-main tal-ilma u jsir kisi mill-ġdid bit-tarmak. F'dan ir-rigward filwaqt li l-Kunsill ikun irid joħroġ €53,874 (70%) l-Gvern ikun irid joħroġ €22,921 (30%). Il-Kunsill unanimament qabel li jipproċedi hekk u li tintalab l-approvazzjoni tad-Dipartment għal-Gvern Lokali għat-tibdil propost.

**32/03/14** **Para 31/07/03:** Il-Kunsill ġie infurmat li s-Sindku u s-S.E. kienu ltaqgħu mal-M Quip Ltd rigward it-*Tender* T-03/13-24 – *Tender for Child Play Equipment at Gnien il-Paci*, Ħal Għargħur. Tpoġġiet fuq il-mejda il-pjanta ippreparta mill-M Quip Ltd kif ukoll żewġ *options* ta' kif jista' jsir ix-xogħol. *Option* A hija ta' €25,334.75 u *Option* B hija ta' €27,762.20. Il-Kunsill inbidel f'Bord tal-Aġġudikazzjoni għal dan it-*Tender*. Wara li reġa ġie innotat ir-rapport imħejji mill-Perit tal-Kunsill kif ukoll li l-offerta ta' M. Quip Ltd kienet l-aktar waħda vantaġġjuza u li l-Kunsill kien ġab riferenzi tajbin fuq M. Quip Ltd, il-Bord tal-Aġġudikazzjoni irrakkomanda unanimament li dan it-*tender* jingħata lil M Quip Ltd.

Tkompliet il-laqgħa tal-Kunsill u l-Kunsill unanimament approva r-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni kif ukoll li tingħażel *Option* B. Is-S.E. għandha tibgħat l-ittri lil dawk li tefgħu l-offerta' u li ma ġewx magħżula. Eventwalment is-S.E. għandha tibgħat l-*Letter of Acceptance* lil M. Quip Ltd. Is-Sindku u s-S.E. ġew awtorizzati sabiex jiffirmaw il-kuntratt ma M. Quip Ltd.

**32/03/15** **Para 31/07/06:** Ġiet unanimament approvata l-istima tas-Sur J. Mula sabiex tinħadem u titwaħħal *gate* ġdida fis-*Searchlight Battery*. Din l-istima inġabret mill-Kunsillier Christopher Fenech.

**32/03/16** **Para 31/07/08:** Il-Kunsillier Vincent A Galea ta dettalji dwar l-attivita' tal-Ħuġġieġa ta' San Ġwann. Din ser issir nhar il-Ħadd 23 ta' Ġunju 2013 fis-6.30 pm. Huwa poġġa fuq il-mejda l-programm kif ukoll dettalji ta' min ser jieħu sehem u l-ħlas mitlub. Hu spjega li l-Kavallieri kienu ser jieħdu sehem billi jimxu mal-purċissjoni. Hu qal ukoll li ser jintramaw żewġ arbli bil-bandalori fil-pjazza. Il-Kunsillieri ġew mistiedna li jkunu preżenti.

**32/04 Approvazzjoni ta' Pagamenti**

**32/04/01** Is-SE ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti pendenti / imħallsa li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill sad-data ta' meta kienet ġiet ippubblikata l-*Agenda.* Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-pagamenti.

**32/05 Ilmenti u Suġġerimenti**

**32/05/01** Ilment dwar bini mitluq bla ħajt u hemm bidu ta' kostruzzjoni li huwa ta' periklu speċjalment għat-tfal fi Triq Fra Duminku Mifsud. Ġie unanimament deċiż li dan l-ilment jiġi mgħoddi lill-Pulizija.

**32/05/02** Talba sabiex jinqala fanal imwaħħal mal-propjeta' fi Sqaq il-Ħofra. Il-Kunsill unanimament qabel li l-fanal jinqala wara li s-sid ta' fejn hu imwaħħal il-fanal tkun ħallset għall-ispejjez sabiex jinqala dan il-fanal kif ukoll wara li din tkun kisbet l-approvazzjoni tas-sid il-propjeta' li miegħu ser jeħel il-fanal. Jekk ħadd mir-residenti tas-sqaq ma jkun irid li l-fanal jeħel mal-propjeta' tiegħu allura dan ma jitwaħħalx.

**32/05/03** Talba sabiex titwaħħal bozza ġdida ma arblu fi Triq Sta Marija taż-Żellieqa - Il-Kunsill unanimament approva din it-talba u qabel li din il-bozza titwaħħal wara li jkun inkiseb il-permess tal-Enemalta.

**32/05/04** Talba sabiex titwaħħal tabella fejn il-*Bring in Site*. Il-Kunsill unanimament approva din it-talba.

**32/05/05** Diversi talbiet minn residenta li toqgħod il-Pjazza. Il-Kunsill unanimament qabel li jibni mill-ġdid il-bankina quddiem il-propjeta' ta' din ir-residenta u għalhekk ser tinħareg *Works Order* lid-Dipt tad-Distretti. Il-Kunsill qabel ukoll li meta tinbena l-bankina l-ġdida jsiru *u-bars* ġodda u titranġa t-tabella li hemm imwaħħla fuq *pole.* Rigward it-talba dwar il-*kiosks* li jarmaw fil-festi, l-Kunsill ma qabilx mas-suggeriment ta' din ir-residenta u ikkonferma d-deċizjoni li kien ħa qabel f'dan ir-rigward.

**32/05/06** Ilment dwar ħmieg taż-żwiemel li resident ħalla fi Triq Mattia Preti. Il-Kunsill unanimament qabel li jikteb lir-resident u kopja lill-Pulizija.

**32/05/07** Talba minn ħanut sabiex jingħata *bin on wheel* sabiex fih jintrema l-ħġieġ. Il-Kunsill unanimament ma laqax din it-talba u l-operatur tal-ħanut għandha tiġi infurmata sabiex tiddeposita l-ħġieġ li jkollha fil-kontenitur li diġa ingħatat mill-Kunsill jew fil-*Bring in Site.*

**32/05/08** Talba sabiex teħel mera fi Triq Stiefnu Zerafa - Dwar din it-talba konna diġa infurmajna lil min għamel it-talba li ladarba l-mera ser tiġi użata biss sabiex tgħin karozzi joħorġu minn *basement garages* li huma privati din għandha issir mis-sidien tal-garaxxijiet wara li jiksbu permess mill-Kunsill għall-post fejn ser teħel.

**32/05/09** Talba sabiex issir aktar sorveljanza mill-Pulizija u l-Gwardjani Lokali fi Triq Gargallo k/m Triq San Gwann peress li qed ikun hemm ħafna illegalitajiet tat-traffiku kif ukoll qed jinħoloq periklu għas-sewwieqa u għal min jimxi fit-triq. Ġie suggerit ukoll li teħel *camera*. Il-Kunsill unanimament qabel li jitlob lill-Gwardjani Lokali sabiex jagħmlu aktar sorveljanza.

**32/06** ***Korrispondenza***

**32/06/01** Ġiet innutata Memo 12/2013 mid-Dipt għall-Gvern Lokali rigward artikli li jidhru fuq il-gażetti lokali.

**32/06/02** Ġiet innutata Memo 11/2013 mid-Dipt għall-Gvern Lokali rigward ħlas ta' taxxa u tal-bolla tas-sigurta' soċjali mill-Kunsillieri.

**32/06/03** Ġiet innutat ittra ta' ringrazzjament u apprezzament mingħand is-Sinj. C. J. Court. Il-Kunsill unanimament qabel li jirringrazza lis-Sinj. C. J. Court.

**32/06/04** Ġew innotati diversi korrispondenza mill-MEPA rigward applikazzjonijiet bin-numru : 00827, 00756, 0381, 00688, PA/01502/13

**32/06/05** Ġiet innotata stedina għal seminar *Discovering Malta and Gozo through its People and Culture* għas-27 jew 28 ta' Ġunju 2013.

**32/06/06** Ċirkulari 39/2013 mingħand l-AKLM dwar Tħawwil ta' Siġar. Il-Kunsill qabel li nissuggerixxu żoni ħdejn is-*Search Light Battery* u fi Triq Għaxqet l-Għajn. Is-SE ser tirrispondi sa l-aħħar ta' Lulju 2013.

**32/06/07** Ġiet innutata li l-korrispondenza rigward l-ATM tal-HSBC Bank Malta plc sabiex titwaħħal fi Triq San Gwann.

**32/06/08** Ġiet innutata korrispondenza – email mit-TM bid-data 6/6/2013 rigward it-talba sabiex parti minn Triq Naxxar issir *one-way*. Ġie unanimament deċiż li jiġu ordnati t-tabelli li hemm bżonn sabiex tiġi implimentata din il-miżura.

**32/07 Materji oħra u mistoqsijiet**

**32/07/01** Is-Sindku nforma lill-Kunsillieri li kien ħareg l-ewwel pagament lill-*Road Maintenance Services*. Is-S.E. intalbet issegwi l-ħrug ta' *Progress report* and it-tieni *Interim Payment* dwar il-Ġnien tal-Ponta.

**32/07/02** Is-Sindku nforma lill-Kunsillieri li l-Kappillan l-ġdid ser jieħu l-pussess tiegħu fit-8 t'Awissu 2013. Il-Kappillan talab li jiltaqgħa mas-Sindku u l-Kunsillieri. Il-Kunsill qabel unanimament li jiltaqa' mal-Kappillan u s-S.E. intalbet sabiex tirranga appuntament. Saret ukoll diskussjoni fuq il-permessi tal-festa u l-Kunsill qabel li tinħareġ in-*No Objection* tal-Kunsill.

**32/07/03** Il-Kunsillier Alfred Muscat informa li hu attenda Konferenza s-Sibt li għadda dwar id-Dementia u l-Anzjani.

**32/07/04** Is-Sindku nforma lis-SE kienet ser tattendi il-*bilateral meeting* mal-*Paying Agency* flimkien mal Aġent SE is-Sur Kurt Guillaumier.

**32/07/05** Il-Kunsill unanimament qabel li jagħmel xogħolijiet ta' manutenzjoni fil-Ġnien ta' Zagħruna u li jinxtara l-materjal li hemm bżonn sabiex dan isir.

**32/07/06** Ġie unanimament approvat li tinħareg il-*Works Order* sabiex issiru t-tiswijiet meħtiega fil-lift tal-Kunsill li ġew identifikati mill-*Engineer* li għamel l-*inspection* tal-lift

**32/07/07** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li wieħed mill-ħaddiema taħt l-iskema tal-ETC kien sab xogħol u għalhekk kienet saret talba sabiex jintbagħat ħaddiem ieħor.

**32/07/08** Ġew ippreżentati il-*Performance Appraisal Reports* tal-Uffiċċjal Eżekuttiv u tal-iskrivana tal-Kunsill li ser jispiċċaw mix-xogħol fl-aħħar ta' Ġunju 2013. Il-Kunsill b'mod unanimu approva li dawn jingħatalhom il-*full performance bonus* ta' 6%.

**32/07/09** Il-Kunsill unanimament qabel li s-S.E. tattendi għal-*course* imħejji mill-ANSEK dwar il-finanzi.

**32/07/10** Il-Kunsillier is-Sur Christopher Fenech ippreżenta il-minuti tal-Laqgħa numru 20 tas-Sotto Kumitat taz-Zgħazagħ li saret 30/5/2013. Dawn ġew innotati.

Il-Kunsillier Fenech informa ukoll li s-Sotto Kumitat taż-Żgħażagħ ser jorganizza *Treasure Hunt* fir-raħal b'temi marbuta mal-istorja tar-raħal. Jistgħu jipparteċipaw *teams* ta' 3 sa 5 membri kull wieħed. Il-parteċipanti jistgħu jużaw roti jew jimxu u l-ħlas għall-parteċipazzjoni hu ta' €20 għal kull *team*. Minn jirbaħ ser jingħata premju ta' €100. Dan kollhu ġie unanimament approvat.

**32/07/11** Il-Kunsill laqa' talba mis-Sezzjoni Zgħazagħ tal-Għaqda tan-Nar sabiex jużaw il-grawnd tal-futbol għall-attivita' nhar id-29 ta' Ġunju. Il-Kunsillier Christopher Fenech qal li hu kien diġa' tkellem ma membru mill-Kumitat tal-Futbol u dan kien diġa' qabel ma din it-talba. Il-Kunsill unanimament approva din it-talba.

**32/07/12** Fuq suġġeriment tal-Kunsillier Christopher Fenech ġie unanimament deċiż li tabella bil-kliem fuqha '*DANGER'* imwaħħla mal-latrina pubblika tinbidel ma waħda ġdida. Ser tiġi ordnata *sticker* ġdida mingħand AS Supplies ta' San Ġwann.

**32/07/13** Is-Sindku u l-Kunsillieri rringrazzjaw lill-Uffiċċjal Eżekuttiv is-Sinj Marisa Azzopardi, lis-Skrivana s-Sinj Josette Zarb, għall-kontribut u xogħol siwi tagħhom kemm damu jaħdmu mal-Kunsill u awgurawlom suċċess fil-karriera tagħhom speċjalment issa li ser ikollhom rwoli ġodda. Il-Kunsill irringrazzja ukoll lill-Aġent Segretarju Eżekuttiv s-Sur Kurt Guillaumier tas-servizz tiegħu fejn żgura li l-ħidma tal-Kunsill tkompli għaddejja b'mod normali.

**32/08** **Aġġornament**

**31/08/01** Il-laqgħa ġiet aġġornata fid-8.55 p.m. wara li l-*items* fuq l-*Agenda* ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra ssir nhar it-Tlieta, 2 ta' Lulju 2013 fis-6:00 p.m.

| | | |
|---|---|---|
| **Mario Gauci** | **Louise-Anne Gusman** | **18 ta' Ġunju 2013** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** | **Data** |